Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/2448

tal-14 ta' Diċembru 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

(ĠU L 345, 30.12.2015, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 99, 15.4.2016, p. 34 (2015/2448)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/2448

tal-14 ta' Diċembru 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Biex ikun żgurat il-forniment suffiċjenti u mingħajr interruzzjonijiet ta' ċerti prodotti li ma jiġux manifatturati biżżejjed fl-Unjoni u biex jiġi evitat kull tfixkil fis-suq ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali, infetħu kwoti tariffarji awtonomi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 ([1]). Il-prodotti f'dawk il-kwoti tariffarji jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati ta' dazju mnaqqsa jew żero. Minħabba r-raġunijiet indikati, hemm bżonn li, b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, jinfetħu kwoti tariffarji b'rati ta' dazju żero għal volum xieraq fir-rigward ta' 10 prodotti addizzjonali.

(2) F'ċerti każijiet. il-kwoti tariffarji awtonomi eżistenti tal-Unjoni għandhom jiġu adattati. Fil-każ ta' tliet prodotti, għandhom jinbidlu l-kodiċijiet tat-TARIC minħabba l-bidliet fil-klassifikazzjoni tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda. Għal żewġ prodotti, hemm bżonn li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-prodott għal raġunijiet ta' kjarifika u biex jitqiesu l-iżviluppi l-aktar reċenti tal-prodotti. Fil-każ ta' ħames prodotti, fl-interess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, għandhom jiżdiedu l-volumi tal-kwota u f'każ wieħed il-volum tal-kwota għandu jonqos. Għal raġunijiet taċ-ċarezza, nota ta' qiegħ il-paġna dwar prodott wieħed għandha titħassar.

(3) Fil-każ ta' żewġ prodotti, il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għandhom jingħalqu b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 għax mhux fl-interess tal-Unjoni li jibqgħu jingħataw minn dik id-data 'l quddiem.

(4) Minħabba n-numru ta' emendi li għandhom isiru fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1388/2013, fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, dak l-Anness għandu jinbidel.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Peress li l-emendi skont dan ir-Regolament għandhom isiru effettivi mill-1 ta' Jannar 2016, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik id-data,

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 7/2010 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 319).

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1388/2013 qed jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

"*ANNESS*

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2637	ex 0710 40 00 ex 2005 80 00	10 20	Qamħirrum miċ-ċfaċagħ (Zea Mays Saccharata) b'dijametru ta' 10 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 20 mm, imfesdaq, magħżul, mirqum, maħsul, mismut, jew imberred u ffriżat malajr individwalment jew imħejji jew ippriservat b'mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat biex jintuża fil-manifattura ta' prodotti tal-industrija tal-ikel għal trattament għajr għall-ippakkjar mill-ġdid sempliċi (1) (2) (3)	1.1.-31.12.	550 tunnellata	0 % (3)
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi Auricularia polytricha (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel (1) (2)	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
*09.2664	ex 2008 60 39	30	Ċirasa ħelwa li fiha spirtu miżjud, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 9 % tal-piż, ta' dijametru ta' mhux aktar minn 19,9 mm bl-għadma, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata (1)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	10 %
09.2913	ex 2401 10 35 ex 2401 10 70 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 20 35 ex 2401 20 70 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95	91 10 11 21 91 91 10 11 21 91	Tabakk naturali mhux ipproċessat, kemm jekk imqatta' għal daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux anqas minn 450 euro kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala binder jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-sottointestatura 2402 10 00 (1)	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
09.2928	ex 2811 22 00	40	Materjal tal-mili tas-silika, f'forma ta' granuli, b'kontenut minimu ta' dios-sidu tas-silikonju ta' 97 %	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklussivament għall-użu fil-ligi (1)	1.1.-31.12.	13 000 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
09.2806	ex 2825 90 40	30	Trijossidu tat-tangsten, inkluż ossidu tat-tangsten. blu (CAS RN 1314-35-8 jew CAS RN 39318-18-8)	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2929	2903 22 00		Trikloroetilen (CAS RN 79-01-6)	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
*09.2837	ex 2903 79 30	20	Bromoklorometanu (CAS RN 74-97-5)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2933	ex 2903 99 90	30	1,3-Dichlorobenzene (CAS RN 541-73-1)	1.1.-31.12.	2 600 tunnellata	0 %
09.2830	ex 2906 19 00	40	Ċiklopropilmetanol (CAS RN 2516-33-8)	1.1.-31.12.	20 tunnellata	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Cresol b'purezza ta' mhux anqas minn 98,5 % tal-piż (CAS RN 95-48-7)	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2624	2912 42 00		Ethylvanillin (3-ethoxy-4-hydroxybenzaldehyde) (CAS RN 121-32-4)	1.1.-31.12.	950 tunnellata	0 %
*09.2683	ex 2914 19 90	50	Aċetilaċetonat tal-kalċju (CAS RN 19372-44-2) għall-użu fil-manifattura tas-sistemi ta' stabilizzaturi fil-forma ta' pilloli [1]	1.7-31.12.	50 tunnellata	0 %
09.2852	ex 2914 29 00	60	Cyclopropyl methyl ketone (CAS RN 765-43-5)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2638	ex 2915 21 00	10	Aċidu aċetiku b'purità bil-piż ta' 99 % jew aktar (CAS RN 64-19-7)	1.1.-31.12.	1 000 000 tunnellata	0 %
09.2972	2915 24 00		Anidride aċetiku (CAS RN 108-24-7)	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
*09.2679	2915 32 00		Aċetat tal-Vinil (CAS RN 108-05-4)	1.1.-31.12.	200 000 tunnellata	0 %
*09.2665	ex 2916 19 95	30	(E,E)-Eża-2,4-dienoat tal-potassju (CAS RN 24634-61-5)	1.1.-31.12.	8 250 tunnellata	0 %
▼C1						
*09.2684	ex 2916 39 90	28	Klorur ta' 2,5-dimetilfenilaċetil (CAS RN 55312-97-5)	01.01-31.12.	250 tunnellata	0 %
▼B						
09.2769	ex 2917 13 90	10	Dimethyl sebacate (CAS RN 106-79-6)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
*09.2680	ex 2917 19 80	25	Anidride n-dodeċenilsuċċiniku (CAS RN 19780-11-1)bi: — fuq skala kolorimetrika Gardner ta' mhux aktar minn 1, — trażmissjoni f'500 nm ta' 98 % jew aktar għal 10 % ta' taħlita bil-piż ta' toluwen, għall-użu fil-manifattura ta' kisi għall-vetturi [1]	1.1.-31.12.	80 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2634	ex 2917 19 80	40	Aċidu dodekanedjojku, ta' purezza b'piż ta' aktar minn 98,5 % (CAS RN 693-23-2)	1.1.-31.12.	4 600 tunnellata	0 %
09.2808	ex 2918 22 00	10	Aċidu o-aċetisaliċiliku (CAS RN 50-78-2)	1.1.-31.12.	120 tunnellata	0 %
*09.2646	ex 2918 29 00	55	Ottadeċil 3-(3,5-di-terz-butil-4-idrossifenil)propjonat (CAS RN 2082-79-3) bi: — frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 500 μm ta' aktar minn 99 % f'piż u — temperatura tat-tidwib ta' 110 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 125 °C, biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti singoli ta' stabilizzaturi għall-ipproċessar tal-PVC abbażi ta' taħlitiet tat-trab (1)	1.1.-31.12.	80 tunnellata	0 %
*09.2647	ex 2918 29 00	65	Tetrakis(3-(3,5-di-terz-butil-4-idrossifenil)propjonat) tal-pentaeritritol (CAS RN 6683-19-8): — bi frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 250 μm ta' aktar minn 75 % f'piż u b'malji ta' 500 μm ta' mhux aktar minn 99 % f'piż, u — b'temperatura tat-tidwib ta' 49 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 54 °C, biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti ta' stabilizzatur wieħed għall-proċessar tal-PVC ibbażati fuq taħlitiet tat-trab (1)	1.1.-31.12.	380 tunnellata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benzophenone-3,3',4,4'-tetracarboxylic dianhydride (CAS RN 2421-28-5)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
*09.2648	ex 2920 90 10	70	Sulfat tad-Dimetil (CAS RN 77-78-1)	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
*09.2688	ex 2920 90 85	70	Tris(2,4-di-terz-butilfenil)fosfit (CAS RN 31570-04-4)	1.1.-31.12	6 000 tunnellata	0 %
*09.2649	ex 2921 29 00	60	Bis(2-dimetilaminoetil)(metil)ammina (CAS RN 3030-47-5)	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
*09.2682	ex 2921 41 00	10	Anilina ta' purità ta' 99 % jew aktar fil-piż (CAS RN 62-53-3)	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Phenylenediamine (CAS RN 95-54-5)	1.1.-31.12.	1 800 tunnellata	0 %
09.2854	ex 2924 19 00	85	Iodoprop-3-2-inilN-butilkarbamat(CAS RN 55406-53-6)	1.1.-31.12	500 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2977	2926 10 00		Akrilonitrile (CAS RN 107-13-1)	1.1.-31.12.	35 000 tunnellata	0 %
*09.2856	ex 2926 90 95	84	2-Nitro-4-(trifluoromethyl)benzonitrile (CAS RN 778-94-9)	1.1.-31.12.	900 tunnellata	0 %
*09.2838	ex 2927 00 00	85	C,C'-Użodi(formammid) (CAS RN 123-77-3) b': — pH ta' 6,5 jew aktar iżda mhux aktar minn 7,5, u — kontenut ta' semikarbażid (CAS RN 57-56-7) mhux aktar minn 1 500 mg/kg kif determinat mill-kromatografija likwida — spettrometrija tal-massa (LC-MS), — varjazzjoni tat-temperatura tad-dekompożizzjoni ta' 195 °C — 205 °C, — densità speċifika bejn 1,64 u 1,66, u — sħana mill-kombustjoni 215 — 220 Kcal/mol	1.1.-31.12.	100 tunnellata	0 %
*09.2685	ex 2929 90 00	30	Nitrogwanidina (CAS RN 556-88-7)	1.1.-31.12	6 500 tunnellata	0 %
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamone (ISO) (CAS RN 96525-23-4)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2812	ex 2932 20 90	77	Hexan-6-olide (CAS RN 502-44-3)	1.1.-31.12.	4 000 tunnellata	0 %
*09.2858	2932 93 00		Piperonal (CAS RN 120-57-0)	1.1.-31.12.	220 tunnellata	0 %
*09.2831	ex 2932 99 00	40	1,3:2,4-Bis-O-(3,4-dimethylbenzylidene)-D-glucitol (CAS RN 135861-56-2)	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
*09.2673	ex 2933 39 99	43	2,2,6,6-tetrametilpiperidin-4-ol (CAS RN 2403-88-5)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
*09.2674	ex 2933 39 99	44	Klorpirifos (ISO) (CAS RN 2921-88-2)	1.1.-31.12.	9 000 tunnellata	0 %
09.2860	ex 2933 69 80	30	1,3,5-Tris[3-(dimethylamino)propyl]hexahydro-1,3,5-triazine (CAS RN 15875-13-5)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2658	ex 2933 99 80	73	5-(Acetoacetylamino)benzimidazolone (CAS RN 26576-46-5)	1.1.-31.12.	200 tunnellata	0 %
*09.2675	ex 2935 00 90	79	4-[[(2-metossibenżojl)ammino]sulfonil]klorurtal-benżojl (CAS RN 816431-72-8)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Xylose (CAS RN 58-86-6)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2686	ex 3204 11 00	75	Koloranti C.I. Disperse Yellow 54 (CAS RN 7576-65-0) u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom ma' kolorant C.I. Disperse Yellow 54 kontenut ta' 99 % jew iktar f'piż	1.1.-31.12	2 500 kg	0 %
*09.2676	ex 3204 17 00	14	Preparazzjonijiet ibbażati fuq Koloranti C.I. Pigment Red 48:2 (CAS RN 7023-61-2) b'kontenut ta'Koloranti C.I. Pigment Red 48:2 ta'60 % jew iktar, skont il-piż	1.1.-31.12.	50 tunnellata	0 %
*09.2666	ex 3204 17 00	55	Koloranti C.I. Pigment Red 169 (CAS RN 12237-63-7) u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom ma' kolorant C.I. Pigment Red 169 kontenut ta' 50 % jew iktar f'piż	1.1.-31.12.	40 tunnellata	0 %
*09.2659	ex 3802 90 00	19	Trab tad-dijatomi kalċinat fil-fluss tas-soda	1.1.-31.12.	30 000 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Trementina tas-sulfat	1.1.-31.12.	25 000 tunnellata	0 %
09.2935	ex 3806 10 00	10	Resin u aċidi tar-resin miksuba minn oleoresins friski	1.1.-31.12.	280 000 tunnellata	0 %
*09.2832	ex 3808 92 90	40	Taħlita li jkollha 38 % jew aktar imma mhux aktar minn 50 % bil-piż taż-żingu piritijon (INN) (CAS RN 13463-41-7) f'dispersjoni milwiema	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2681	ex 3812 10 00 ex 3824 90 92	20 85	Taħlita ta' sulfuri ta' bis [3-(trietossisilil)propil] (CAS RN 211519-85-6)	1.1.-31.12.	9 000 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-trijossidu tat-titanju	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %
09.2644	ex 3824 90 92	77	Preparat li jkun fih: — 55 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 78 ta' Glutarat Dimetiliku — 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 30 % ta' Adipat Dimetiliku u — mhux aktar minn 35 % ta' Suċċinat Dimetiliku	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2140	ex 3824 90 92	79	Taħlita ta' amines terzjarji li fihom, skont il-piż: — 2.0-4.0 % ta' N,N-dimethyl-1-octanamine — minimu ta' 94 % N,N-dimethyl-1-decanamine — massimu ta' 2 % N,N-dimethyl-1-dodecanamine	1.1.-31.12.	4 500 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2650	ex 3824 90 92	87	Aċetofenon (CAS RN 98-86-2), b'purità f'piż ta' 60 % jew aktar iżda mhux aktar minn 90 %	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %
09.2829	ex 3824 90 93	43	Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiċi miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin: — kontenut tal-aċidu tar-reżin li ma jaqbiżx it-30 % tal-piż, — numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110, u — punt tat-tidwib ta' 100 °C jew aktar	1.1.-31.12.	1 600 tunnellata	0 %
09.2907	ex 3824 90 93	67	Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, bil-piż: — 75 % jew aktar ta' steroli, — mhux aktar minn 25 % ta' stanoli, — għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew stanoli/steroli esters ([1])	1.1.-31.12.	2 500 tunnellata	0 %
*09.2660	ex 3902 30 00	98	Adeżiv tal-olefina polialfa amorfa għall-manifattura ta' prodotti tal-iġjene ([1])	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
*09.2639	3905 30 00		Poli(alkoħol tal-vinil), kemm jekk fihom gruppi aċetat unhydrolysed	1.1.-31.12.	15 000 tunnellata	0 %
*09.2671	ex 3905 99 90	81	Poli(butiral tal-vinil) (CAS RN 63148-65-2): — li jkun fih bħala piż bejn 17,5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 20 % ta' gruppi idrossili, u — li d-daqs medju ta' kull partiċella tiegħu (D50) teċċedi 0,6 mm	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
*09.2687	ex 3907 40 00	25	Taħlita ta' polimeri ta' polikarbonat u poli(metilmetakrilat) b'kontenut ta' polikarbonat ta' 98,5 % skont il-piż, f'forma ta' gerbub jew bċejjeċ żgħar, bi trażmittanza luminuża ta' mhux anqas minn 88,5 %, imkejla bl-użu ta' kampjun għall-ittestjar ta' ħxuna ta' 4 mm b'tul tal-mewġa ta' λ = 400 nm (skont ISO 13468-2)	1.1.-31.12	400 tunnellata	0 %
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polydimethylsiloxane b'livell ta' polimerizzazzjoni ta' 2 800 monomer unit (± 100)	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
09.2816	ex 3912 11 00	20	Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju	1.1.-31.12.	75 000 tunnellata	0 %
*09.2864	ex 3913 10 00	10	Alġinat tas-sodju, estratt minn algi kannella(CAS RN 9005-38-3)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2641	ex 3913 90 00	87	Ijaluronat tas-sodju, mhux sterili: — b' piż medju tal-piż molekulari (Mw) li ma jaqbiżx 900 000, — b'livell ta' endotossin li ma jaqbiżx 0,008 unitajiet ta' Endotossin (EU)/mg, — b'kontenut ta' etanol li ma jaqbiżx 1 % bil-piż, — b'kontenut ta' isopropanol li ma jaqbiżx 0,5 % tal-piż	1.1.-31.12.	200 kg	0 %
09.2661	ex 3920 51 00	50	Folji ta' polimetilmetakrilat konformi mal-istandards: — EN 4364 (MIL-P-5425E) u DTD5592 A, jew — EN 4365 (MIL-P-8184) u DTD5592 A	1.1.-31.12.	100 tunnellata	0 %
09.2645	ex 3921 14 00	20	Blokka ċellulari ta' ċelluloża riġenerata, mimlija bl-ilma li jkun fih klorur tal-manjeżju u kompost tal-ammonju kwaternarju tad-daqs ta' 100 cm (± 10 cm) x 100 cm (± 10 cm) x 40 cm (± 5 cm)	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
09.2818	ex 6902 90 00	10	Briks li jirreżistu s-sħana bi: — tarf li għandu tul ta' aktar minn 300 mm, u — kontenut f'piż ta' TiO2 ta' mhux aktar minn 1 %, u — kontenut f'piż ta' Al2O3 ta' mhux aktar minn 0.4 %, u — varjazzjoni fil-volum ta' anqas minn 9 % f'1 700 °C	1.1.-31.12.	225 tunnellata	0 %
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 g/m^2(± 10 g/m^2), tat-tip li jintuża fir-rolling insect screens bil-qafas fiss	1.1.-31.12.	3 000 000 m^2	0 %
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li fih 1,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4 % tal-piż f'karbonju u mhux aktar minn 70 % ta' kromju	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
*09.2652	ex 7409 11 00 ex 7410 11 00	20 30	Fojl u strixxi tar-ram raffinat, miksijin bl-elettrolit	1.1.-31.12.	1 020 tunnellata	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
*09.2662	ex 7410 21 00	55	Pjanċi: — magħmulin minn tal-anqas saff wieħed ta' tessut tal-fibra tal-ħġieġ mimli bir-reżina tal-epossidu, — miksija fuq naħa waħda jew iż-żewġ naħat bil-fojl tar-ram bi ħxuna ta' mhux aktar minn 0,15 mm, — b'kostant dielettriku (DK) ta' anqas minn 5,4 f'1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2, — b'tanġenti tat-telf ta' anqas minn 0,035 f'1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2, — b'indiċi komparattiv ta' trekkjar (CTI) ta' 600 jew aktar	1.1.-31.12.	45 000 m^2	0 %
*09.2834	ex 7604 29 10	20	Folji jew vireg tal-alojs ta' aluminju-litjuta' diametru ta' 200 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 300 mm	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %
09.2835	ex 7604 29 10	30	Folji jew vireg tal-alojs ta' aluminju-litjuta' diametru ta' 300,1 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 533,4 mm	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
*09.2689	ex 7606 12 92 ex 7607 11 90	50 70	Strixxi illigati bl-aluminju u bil-manjeżju jew fojl: — f'rombli, — li jkollhom ħxuna ta' 0,14 mm jew aktar, iżda mhux iżjed minn 0,27 mm, — li jkollhom wisa' ta' 12,5 mm, 15,0 mm, 16,0 mm, 25,0 mm, 35,0 mm, 50 mm jew 356 mm, — b'saħħa tensili ta' 285 N/mm2 jew aktar, u — elongazzjoni meta jinqasmu ta' 1 % jew aktar, u — li skont il-piż, fihom: — 93,3 % jew aktar aluminju, — 0,8 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 5 % manjeżju, u — mhux aktar minn 1,8 % ta' elementi oħrajn	1.1-30.6	500 tunnellata	0 %
09.2840	ex 8104 30 00	20	Trab tal-manjeżju: — ta' purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar, iżda mhux iktar minn 99,5 % — b'daqs tal-partiċella ta' 0,2 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 0,8 mm	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
09.2629	ex 8302 49 00	91	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji (1)	1.1.-31.12.	1 000 000 biċċa	0 %
*09.2690	ex 8483 30 80	20	Kuxxinett jiżżerżaq immewweġ għal applikazzjoni fuq l-assi, ta' azzar FeP01 (skont EN 10130-1991) b'saff jiżżerżaq ta' bronż sinterizzat poruż u poli(tetrafluworoetilen), adattat biex jiġi installat fl-unitajiet ta' sospensjoni tal-muturi	1.1.-31.12.	1 500 000 biċċa	0 %
09.2642	ex 8501 40 20 ex 8501 40 80	30 40	Assemblaġġ, magħmul minn: — mutur kommutatur li jaħdem bl-elettriku AC monofaża b'saħħa ta' 480 W jew aktar, iżda li ma taqbiżx 1 400 W, li tuża dħul tal-elettriku ta' aktar minn 900 W iżda li ma jaqbiżx 1 600 W, b'dijametru estern ta' aktar minn 119,8 mm iżda li ma jaqbiżx 135,2 mm u b'veloċità mkejla ta' aktar minn 30 000 rpm iżda li ma taqbiżx 50 000 rpm, u — ventilatur għad-dħul tal-arja (1)	1.1.-31.12.	120 000 biċċa	0 %
09.2763	ex 8501 40 20 ex 8501 40 80	40 30	Mutur kommutatur elettriku AC, monofaża, b'rendiment ta' 250 W jew aktar, input enerġetiku ta' 700 W jew aktar imma mhux aktar minn 2 700 W, dijametru estern ta' aktar minn 120 mm (± 0,2 mm) imma mhux aktar minn 135 mm (± 0,2 mm), b'rata ta' veloċità ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, mgħammar b'ventilatur għall-arja, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners (1)	1.1.-31.12.	2 000 000 biċċa	0 %
09.2633	ex 8504 40 82	20	Rettifikatur tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, għall-użu fil-manifattura tal-apparat li jaqa' fis-sottointestatura 8509 80 u l-intestatura 8510 (1)	1.1.-31.12.	4 500 000 biċċa	0 %
09.2643	ex 8504 40 82	30	Pjanċi bis-sokits għall-għoti tal-elettriku li jintuża fil-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-intestatura 8521 u 8528 (1)	1.1.-31.12.	1 038 000 biċċa	0 %
09.2620	ex 8526 91 20	20	Assemblaġġ għal sistemi GPS b'funzjoni ta' determinazzjoni tal-pożizzjoni, mingħajr display, u piż ta' mhux aktar minn 2 500 g	1.1.-31.12.	3 000 000 biċċa	0 %
09.2672	ex 8529 90 92 ex 9405 40 39	75 70	Bord ta' ċirkwit stampat b'diodes LED: — kemm jekk mgħammra b'priżmi/lenti kif ukoll jekk le, u — kemm jekk mgħammra b'konnettur(i) kif ukoll jekk le għall-manifattura ta' unitajiet tar-retroluminazjzoni għal oġġetti ta' titlu 8528 (1)	1.1.-31.12.	115 000 000 biċċa	0 %

▼B

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat miżmum ġewwa qafas li d-dimensjonijiet ta' barra tiegħu mhux aktar minn 30 mm x 30 mm	1.1.-31.12.	1 400 000 biċċa	0 %
*09.2668	ex 8714 91 10 ex 8714 91 10	21 31	Qafas ta' biċikletta, mibni mill-fibri tal-karbonju u r-reżina artifiċjali, miżbugħ, mogħti l-verniċ u/jew illostrat, biex jintuża għall-manifattura tar-roti ([1])	1.1.-31.12.	304 000 biċċa	0 %
*09.2669	ex 8714 91 30 ex 8714 91 30	21 31	Furketta ta' quddiem ta' biċikletta, magħmula mill-fibri tal-karbonju u r-reżina artifiċjali, miżbugħa, mogħtija l-verniċ u/jew illostrata, għall-użu fil-manifattura tal-biċikletti ([1])	1.1.-31.12.	257 000 biċċa	0 %
09.2631	ex 9001 90 00	80	Lentijiet mhux iffrejmjati, prismi u elementi ssimentjati għall-użu fil-manifattura jew it-tiswija ta' oġġetti tal-kodiċijiet tan-NM 9002, 9005, 9013 10 u 9015 ([1])	1.1.-31.12.	5 000 000 biċċa	0 %
*09.2836	ex 9003 11 00 ex 9003 19 00	10 20	Frejms tan-nuċċalijiet magħmulin bil-plastik jew metall għall-użu fil-manifattura ta' nuċċalijiet tal-vista ([1])	1.1.-31.12.	5 800 000 biċċa	0 %

([1]) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu finali tagħhom f'konformità mal-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).
([2]) Madankollu, is-sospensjoni tat-tariffi doganali ma għandhiex tapplika meta l-ipproċessar isir minn impriżi tal-forniment tal-ikel jew li jbiegħu bl-imnut.
([3]) Id-dazju ad valorem biss huwa sospiż. Id-dazju speċifiku għandu jkompli japplika.
* Miżura ġdida li għadha kif iddaħħlet jew miżura bil-kundizzjonijiet mibdulin.” .